

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 697/2007****ta' l-20 ta' Ġunju 2007****li jiddetermina l-kriterji għall-aċċettazzjoni ta' l-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' importazzjoni mressqa f'Ġunju 2007 għal ċerti prodotti fis-settur tal-laħam tat-tjur fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 1431/94**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jstabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli rregolati minn sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1431/94 <sup>(2)</sup> jstabbilixxi regoli dettaljati li għandhom japplikaw fil-qasam ta' l-importazzjoni tal-laħam tat-tjur, irregolat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 <sup>(3)</sup> li jiftaħ u jipprova għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tat-tariffa tal-Komunità għal-laħam tat-tjur u ċerti prodotti oħra agrikoli.
- (2) L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' importazzjoni mressqa matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Ġunju 2007 għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2007,

jeċċedu l-kwantitajiet disponibbli. Huwa meħtieġ għal-hekk li jiġu stabbiliti il-kriterji għall-ħruġ tal-liċenzji ta' importazzjoni, billi jiġi determinat il-koeffiċjent ta' l-allokazzjoni li għandu japplika għall-kwantitajiet mitluba.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' importazzjoni mressqa għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2007 skond ir-Regolament (KE) Nru 1431/94 huma assenjati skond il-koeffiċjenti ta' l-allokazzjoni stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' importazzjoni għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2007 jistgħu jitressqu għall-kwantità totali msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament, skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1431/94.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 ta' Ġunju 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Ġunju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

<sup>(1)</sup> ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

<sup>(2)</sup> ĠU L 156, 23.6.1994, p. 9. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1938/2006 (ĠU L 407, 30.12.2006, p. 150).

<sup>(3)</sup> ĠU L 91, 8.4.1994, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2198/95 (ĠU L 221, 19.9.1995, p. 3).

## ANNEX

Numru tas-serje	Il-koeffiċjent ta' l-allokazzjoni għall-applikazzjonijiet ta' liċenzji ta' importazzjoni mressqa fil-perjodu 1.7.2007-30.9.2007 (%)	Il-kwantità totali disponibbli għall-perjodu 1.10.2007-31.12.2007 (t)
09.4410	1,002908	2 358,010
09.4411	—	5 100,000
09.4412	1,043681	825,006
09.4420	1,452472	450,008
09.4421	2,652550	175,003
09.4422	1,595656	621,255

«—»: Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal liċenzja.